**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 307/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Wayne Gatt**

Illum l-14 ta' Gunju 2022

Il Qorti:

Rat li tressaq Wayne Gatt ta' 19 sena bin Sonny Joseph u Doreen (Dolores) nee' Camilleri imwieled Pieta' fil-21 ta' Mejju 1998 u joqgħod 59 'Theodosia' Triq Jannara B'Kara, detentur tal-karta tal-identita' numru 189798M.

1). Akkużat talli fil-25 ta' Jannar 2018 għall-ħabta tal-ħamsa u ħames minuti ta' wara nofsinhar (17:05 hrs) fi Vjal Millbrae, Mosta, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f' periklu ċar, ikkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta' Peter Paul Aquilina detentur tal-karta tal-identita' numru 109159M, skont kif iċċertifikat t-Tabib Marilyn Baldacchino MD (Numru tar-Reġ. 3556),

miċ-Ċentru tas-Saħħa Mosta, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2). Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, u ċioe għamilt ħsara fuq vettura tal-għamla VW Golf, bin-numri tar-reġistrazzjoni EBA-458, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), għad-detriment ta' Peter Paul Aquilina detentur tal-karta tal-identita' numru 109159M, ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3). Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, soqt vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, ai termini tal-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

4). Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi kellek fil-pussess tiegħek sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta mingħajr ma kellek liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli timponi piena skont il-Liġi, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[3]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti mill-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-12 ta' Marzu 2020.[6]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Dicembru 2020.[7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru quddiem il-Qorti;

---

[1] Folio 5 ta' l-atti processwali
[2] Folio 10 ta' l-atti processwali
[3] Folio 7 u 8 ta' l-atti processwali
[4] Folio 82-84 ta' l-atti processwali
[5] Folio 86 ta' l-atti processwali
[6] Folio 114 ta' l-atti processwali
[7] Folio 55 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022.[8]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta nhar il-25 ta' Jannar 2018 il-pulizija tal-ghassa tal-Mosta gew infurmati b'mod anonimu li kien hemm habta int u niezel Burmarrad. Meta attendew il-pulizija sabu zewg vetturi mahbutin gewwa xulxin jibblokkaw il-karreggjata li taghti ghal San Pawl il-Bahar. Il-pulizija taw assistenza lill-persuni involuti fl-incident fejn irrizulta li certu Peter Paul Azzopardi soffra griehi gravi. Skond il-verzjoni tal-vittma, l-imputat kien qed iross mieghu u wara li qabzu, tah daqqa bil-vettura tieghu ghall-gewwa l-bieba tieghu. Meta nizel mill-karozza tieghu, l-imputat allegatament tah daqtejn.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2019 xehed **PS 1350 Christian Xuereb**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Mosta, li spjega kif nhar il-25 ta' Jannar 2018, ghall-habta tal-

[8] Folio 177-181 ta' l-atti processwali

17:05hrs, dahal rapport bit-telfon illi kienet sehhet habta fin-nizla ta' Burmarrad vicin tal-villel u wiehed mill-persuni involuti kien aggredixxa lill-iehor. Ix-xhud irrikorra fuq il-post fejn kien hemm zewg vetturi mahbutin bin-numru tar-registrazzjoni EBA-458 u PAT-570 rispettivament li kienu qed jaghlqu l-karregjata direzzjoni lejn Bugibba. Certu Peter Paul Aquilina kellu hafna demm ma' wiccu. Twaqqfet ambulanza li kienet ghaddeja sabiex dan jinghata l-ewwel ghajnuna u imbaghad ittiehed fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Saret tfittxija fuq il-persuna l-ohra involuta, cioe` l-imputat Wayne Gatt fejn instab li dan kellu mus fil-karozza. Ma gewx identifikati kameras fuq il-lok. Eventwalment ix-xhud ha l-verzjoni ta' Peter Paul Aquilina li stqarr li kien fejn ir-*roundabout* ta' qrib il-Jupiter biex ninzel ghan-nizla ta' Burmarrad. L-imputat kien gej mix-xellug u baqa' hiereg minn fuq il-*give way*. Ghalkemm Aquilina qal li daqq il-*horn*, l-imputat baqa' jross u eventwalment qabez minn wara u baqa' diehel fil-bieba tax-xufier tal-vettura ta' Aquilina. Kif appena Aquilina hareg mill-karozza biex jara x'gara, l-imputat hareg ghalih u tah daqtejn fuq wiccu. Ix-xhud kompla jispjega li dakinhar stess ghall-habta tad-20:55hrs gie mitkellem l-imputat fl-Ghassa tal-Mosta wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Edward Debono. L-imputat kien stqarr li kien Aquilina li kien ser jidhol fih u beda jpaqpaqlu biex jieqaf. Minhabba li ra l-karozzi gejjin minn naha opposta, l-imputat infixel u kiser lejn ix-xellug bil-konsegwenza li habat fil-vettura ta' Aquilina. Skont l-imputat kien Aquilina li prova jaggredieh u jista' jkun li l-griehi li kellu f'wiccu gew meta huwa ghalaq il-bieba tal-vettura tieghu bis-sahha. Rigward il-mus, l-imputat stqarr li kien qalghu rigal u nesieh fil-karozza. Passiggieri mal-imputat kien hemm certu Kolija Jukevic li kkorroborat il-verzjoni tal-imputat. In kontro-ezami ix-xhud spjega li l-vettura ta' Aquilina kellha l-hsara fuq in-naha tal-lemin filwaqt li l-vettura tal-imputat kellha hsara fuq in-naha tax-xellug. Fir-rigard tal-post ta' fejn sehhet il-habta, dan kien madwar hamsin metro 'l isfel mir-*roundabout*.

Fl-istess seduta **it-Tabiba Dr Marilyn Baldacchino**, adetta fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Hija kkonfermat li fil-25 ta' Jannar tal-2018, ezaminat lil Peter Paul Aquilina. Huwa kellu qasma fuq l-imnieher. Ittiehed *x-ray* tal-ghadam tal-imnieher li ma indikat li kien hemm ksur. Aquilina gie referut l-Isptar biex jigi ezaminat mit-tobba tad-Dipartiment tal-ENT. Kellu ukoll qasma ta' madwar 2.5cm li kienet tirrikjeda l-ponti. Il-griehi gew klassifikati bhala gravi minhabba li kien hemm ferita miftuha fil-wicc.

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 xehed **il-parte civile Peter Paul Aquilina**. Spjega li meta sehh l-incident, huwa kien qed idur mar-*roundabout* ta' Vjal Milbrae. Kif kien dar kwazi nofs ir-*roundabout* giet fuqu karozza b'certu velocita` minn naha tat-triq li taghti ghal Ta' Qali u huwa daqq kemm kemm il-*horn* biex jigbed l-attenzjoni. Wara li kien nizel madwar 120 pied 'l isfel, l-istess karozza rassitu u baqghet diehla fil-genb tal-karrozza. Il-parte civile iddeskriva d-daqqa bhala "*a heavy hit*", tant li skont hu, il-karozza tkaxkret ghal fuq il-bankina u kwazi kwazi ghal gol-hajt. Kif appena xiref 'il barra mill-bieba tal-passiggier tal-karozza, gie fuqu persuna, li wara rrizulta li kien l-imputat, li tah tlett daqqiet ta' ponn. Fuq il-post waqfet ambulanza u imbaghad ittiehed fic-Centru tas-Sahha tal-Most ghal aktar kura. Eventwalment saru testijiet ohrajn fl-Isptar Mater Dei, inkluz ezami tal-vista u *brain scan*. Il-parte civile stqarr li ghamel madwar tmien xhur mugugh wara l-incident. Il-parte civile ipprezenta xi ritratti tal-griehi illi huwa garrab, kif ukoll tal-hsarat fuq il-karozza tieghu, liema ritratti kienu ttiehdu mis-siehba tieghu. Spjega li l-istima biex tissewwa l-karozza kienet ta' circa €1,400 u qies li allura kienet *beyond economical repair*. In kontro-ezami, il-parte civile ikkonferma li l-incident sehh ghall-habta tal-16:30hrs u li huwa kien bl-*indicator* tax-xellug mixghul biex jindika li kien ser

jiehu l-*exit* tan-nizla ta' Burmarrad. Irrileva ukoll li meta sar l-incident kien ghadu d-dawl, li t-triq fejn sehh l-incident hija *single lane* u li ma kienx gej traffiku minn naha opposta meta sar l-impatt. Mistoqsi ghalfejn ma mar l-Isptar jekk huwa kien wegga', il-parte civile wiegeb illi huwa prefera li jsewgwi l-*"aftermath"* tal-incident minhabba li kellu affarijiet personali fil-karozza.

Fl-istess seduta xehdet **Joanne Brincat**, is-siehba tal-parte civile. Hija marret fuq il-lok tal-incident wara li rceviet telefonata minghad il-parte civile li kien involut f'incident u li kien wegga' minhabba li kien gie aggredit u qala' zewg daqqiet ta' ponn. Ikkonfermat li hija hadet xi ritratti tal-griehi sofferti mill-parte civile meta kienu fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Fl-istess seduta xehed **is-Superintendent Maurice Curmi**, stazzjonat Ghawdex. Huwa stqarr li fil-25 ta' Jannar 2018, gie nfurmat minn PS 1350 Christian Xuereb li ghall-habta tal-17:00hrs dahal rapport dwar incident ta' *road rage* fi Vjal Milbrae, Il-Mosta, fejn certu Peter Paul Aquilina safa aggredit minn xufier ta' vettura li kienet miexja warajh u l-griehi li sofra irrizultaw li kienu ta' natura gravi. Ix-xhud kellem lill-imputat wara li dan kien ikkonsulta mal-Avukat Dr Edward Debono, ta stqarrija fil-prezenza ta' WPC 401 Morgan Cassar Bonici fejn qal li fil-fatt kellu xi inkontru ma Peter Paul Aquilina meta ltaqghu fir-*roundabout* tal-Mosta u l-iehor speci ma cedielux ghax l-imputat kellu d-dritta. Imbaghad mexa biswitu u minhabba traffiku li kien tiela mill-karreggjata warrab ghal genb u spicca habit fil-vettura tal-kwerelant. Cahad li kien ta daqqa ta' ponn lil Aquilina pero` qal li jista' jkun li laqtu bil-bieba x'hin ghalaqielu. Il-kwerelant kien ghadda xi ritratti tal-griehi li sofra li kienu ttiehdu mis-siehba tieghu. Ikkonferma il kien instab mus fil-vettura tal-imputat, liema mus gie elevat mill-Pulizija.

Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 xehdet **Vanessa Camilleri**, ufficjal tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li kkonfermat li l-vettura EBA-458 hija VW Golf ta' kulur *silver* u ilha registrata fuq isem il-parte civile Peter Paul Aquilina sa mill-5 ta' Gunju 2012.

Fl-istess seduta xehed **Antwan Mugliette**, *auto-surveyor*, li stqarr li kien gie nkarigat mill-Mapfre Middlesea Insurance sabiex jispezzjoni l-vettura EBA-458. Irrizultalu li kien hemm hsarat fuq in-naha tal-lemin kollu lima hsara ma kienitx vijabbli li tissewwa u ghaldaqstant gie offrut *cash settlement* ta' €900 u jzomm il-vettura bhala *wreck*.

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2020 rega' xehed **il-parte civile Peter Paul Aquilina** fejn b'zjieda ma dak li kien diga' xehed, irrileva li huwa kien hareg mill-vettura tieghu "fuq saqajja" meta qala' tlett daqqiet ta' ponn minghand l-imputat u eskluda li kien intlaqat f'wiccu mill-bieba tal-karozza tieghu stess.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 xehed l-imputat **Wayne Gatt** li spjega li huwa kien qed isuq fit-triq li mill-Imgarr taghti ghal Burmarrad u meta gie mar-roundabout, ra li ma kien gew had u qala'. Kif ghamel dan, giet karozza warajh iddoqq il-horn. Huwa baqa' jsuq dritt u f'daqqa wahda, din il-karozza pruvat taqbzu minn gewwa minhabba li t-triq hija kemmxejn wiesa u beda johrog idu mit-tieqa. Meta ma kienx ghad baqa' wisa' il-karozzi habtu genb ma genb b'mod li n-naha tal-passiggier tal-karozza tal-imputat habtet man-naha tax-xufier tal-karozza l-ohra. Wara li sehh l-impatt, l-imputat hareg mill-karozza u ma hdejn is-sewwieq l-iehor, li fi kliem l-imputat, rah "*gej ghalih b'rabja*" u fetah il-bieba tal-karozza ghal fuqu bl-gherra. Minn naha tieghu, l-imputat ghalaqlu l-bieba lura u imbaghad mar lura fil-karozza tieghu fejn cempel lill-Pulizija. Ma ftakarx jekk kienx ra xi griehi fuq is-sewwieq l-iehor dak il-hin. In kontro ezami, l-imputat iccara li meta hareg minn fuq il-give way, il-karozza l-ohra kienet ghadha l-boghod u kien hemm bizzejjed distanza. Fi kliemu, kif grat id-

dinamika bilfors li l-karozza kienet warajh u mhux quddiemu, kif gie suggerit. Spjega ulterjorment li l-impatt eventwalment sehh ghax ma kellux aktar fejn jibqa' sejjer u kien ser jahbat fil-karozzi mill-karreggjata opposta minhabba li l-karozza l-ohra baqghet trossu minn gewwa. L-imputat innega li huwa kien ta' xi daqqiet ta' ponn u baqa' jinsisti li kull ma ghamel kien li mbotta l-bieba lura "go wiccu" imma dan biex jiddefendi ruhu.

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda ta' PS C Xuereb irrizulta li ra l-vittma Peter Paul Aquilina b'hafna demm ma' wiccu u inghata l-ewwel ghajnuna minn ambulanza li kienet ghaddejja. Irrizulta li l-vittma qala daqqa fuq ghajnejh.

Ix-xhud ghamel skizz[9] ta' dak li sab u mill-kostatazzjonijiet tieghu irrizulta li *"li-karozza ta' gewwa li hija tal-vittma kellha kwazi gibda n-naha kollha, kwazi minn quddiem sa wara, filfatt u kienet in-naha ta' gewwa tat-triq ghax hemmhekk hija lane wahda u l-ohra tal-imputat kienet fuq barra u ghalqet ghal fuqha. L-iktar hsarat li kellu fuq il-bieba tan-naha tax-xufier tal-vettura, in-naha tal-lemin tieghu u tal-imputat kellu hsara fuq ix-xellug tieghu."*[10]

Ix-xhud ikalkula li kien hemm madwar hamsin metru distanza bejn il-kollizjoni u mis-sinjali originali tal-*give way* u fejn kienet ir-roundabout.

**Ikkunsidrat**

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku tat-tabiba Marilyn Baldacchino data il-25 ta' Jannar 2018 mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha Primarja, il-Floriana.[11]

[9] Folio 23 ta' l-atti processwali
[10] Folio 21 ta' l-atti processwali
[11] Folio 24 ta' l-atti processwali

Illi dan ic-certifikat mediku mahrug fil-konfront tal-vittma Peter Paul Aquilina jindika li hemm *"qasma (circa 2.5 cm) fin-nofs tal-mohh (forehead) bejn l-eyebrows u nefha u ugigh fuq l-imnieher."*

In konkluzjoni t-tabiba tikkonstata l-griehi bhala gravi.

Illi ghalkemm ic-certifikat mhuiex it-timbrat mit-tabiba li hargitu, l-istess tabiba sussegwentement ikkonfermat il-kontenut ta' l-istess certifikat permezz tax-xhieda taghha.[12]

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni tal-vittma**

Fl-okkorrenza tal-pulizija, il-vittma Peter Paul Aquilina stqarr li *"jien kont qieghed mar-roundabout ta' fejn il-Jupiter gej min-naha ta' Constitutional Street, Mosta, biex ninzel ghan-nizla ta' Burmarrad. Dan tal-vettura minn fuq ix-xellug baqa hiereg minn fuq il-giveway u baqa diehel iross mieghi. Jien bqajt niezel daqqejtlu l horn biex joqghod attent ghafas mieghi u hallini ninzel. Huwa qabez minn warajja ghal fuq il-lemin tieghu u tani daqqa bil-vettura ghall-gewwa l-bieba tieghi. Mad daqqa hrigt min-nana l-ohra tal-vettura, in-naha tax-xellug ghax il-bieba tal-lemin kienet mbarrata. Kif appena hrigt min-naha tax-xellug hareg ghalija u gie mill-ewwel u tani daqtejn wahda hassejta sew u l-ohra bi zbrixx. Jien pruvajt incempel lil pulizija imma ma qbadthomx ghax nahseb cempilt hazin imma mbaghad qbadt lil partner u ghedtilha biex iccempel lill-pulizija fejn dawn mill-ewwel gew.*[13]

Mix-xhieda tal-vittma irrizulta li kien qed iddur mar-*roundabout* ta' Vjal Millbrae il-Mosta sejjer lejn id-direzzjoni ta' Burmarrad.

*"Dort qisu half mar-roundabout min-naha tax-xellug appena kif ha nexitja roundabout area dahlet karozza kif ezatt gejja b'certu speed daqqejt kemm kemm il-horn biex dak li*

[12] Folio 25-27 ta' l-atti processwali
[13] Folio 15 ta' l-atti processwali

*jkun jaghti attenzjoni u bqajt nizel. Dan rassni jien kont qieghed iktar 'l quddiem u bqajt niezel. Kif inzilt dak il-mija u ghoxrin pied iktar 'l isfel, mija u hamsin pied daqqa gol-gemb tal-karozza gol-bieba tieghi tan-naha tieghi, l-karozza tkaxxkret ghal fuq ix-xelug ghal fuq il-bankina, dak il-hin kont gol-karozza, ghidt ha naqla daqqa ohra minn xi karozzi ohrajn, qieghed fuq main road, qbizt bil-mod kif stajt ghax kelli basket tax-xoghol u xi hwejjeg ohra fuq is-seat l-iehor, ftaht il-bieba kif stajt, kif appena inizzel saqajha fl-art bil-bieba miftuha nerfa rasi u nara dal-persuna tani tlett daqqiet ta' ponn."*

….

*"Jien rajt persuna gejja ghal fuqi jien. Kif ta t-tlett daqqiet ta' ponn, ibbakkja lura u lanqas naf dak il-hin xgarali jien, u bqajt hemmhekk."* [14]

Ix-xhud fl-awla iddentifika l-imputat bhala l-persuna li kien qed issuq il-karozza li dahhlet go fih u li tah id-daqqiet tal-ponn. Minkejja li x-xhud ma kellux dokumentazzjoni x'jipprovdi lill-Qorti stqarr li ghamel tmien xhur ibaghti b'ugiegh f'rasu.

Fir-rigward il-mod kif gara l-incident ix-xhud stqarr li *"ma rajtx manuvra jien. U gie mieghi ssika mieghi hekk…fuq wara…. Jien kont fuq quddiem."*[15]

*"Daqqejt il-horn, ghidt istja baqa hiereg dan, u bqajt niezel jien ghall-affari tieghi u f'daqqa bum il-karozza mal-gemb go fija."*[16]

L-incident sehh meta l-vettura ta' l-imputat *"giet on the right hand side, qabzet il-line l-abjad ta' bejn iz-zewg toroq, tajjeb, issa f'dak il-mument jiena qed nikkunsidra hekk ghax jien kont qieghed fin-nofs ezattament bejn il-bankina u bejn il-line. Dan bilfors wara rrealizzajt kieku rajtu gej jigri warajha kont nipprova niskansa."*[17]

---

[14] Folio 31-32 ta' l-atti processwali
[15] Folio 36 ta' l-atti processwali
[16] Folio 37 ta' l-atti processwali
[17] Folio 38 ta' l-atti processwali

Ikompli jispjega:

*"Bqajt niezel in-nizla, f'daqqa u l-hin kif avvanzjajt mija u ghoxrin pied approximately quddiem dik li jisimha Villa Bistra, ghandha dahla hekk qlajt id-daqqa mal-gemb, a heavy hit, tant hi heavy id-daqqa illi kaxkar il-karozza tieghi ghal fuq il-bankina u kwazi, kwazi ghal gol-hajt. Mizerjament ghax ghandi thirty-eight years in driving ghalhekk waqaftha l-karozza, ghax kieku ma kontx b'esperjenza kont nibqa diehel gol-hajt kont."*[18]

In kontro ezami, x-xhud ikkonferma li hu kien niezel fin-nofs tat-triq u beda ssuq fuq ix-xellug, *"bl-indicator mixghul li ser imur fuq ix-xellug ha naqbad in-nizla mhux ha ndur mar-roundabout."*[19]

*"Kont fin-nofs tat-triq ghax from the right hand side gejt mar-roundabout imbaghad ghamilt is-signal towards the left biex ninzel in-nizla."*[20]

Ix-xhud ikompli jispjega li l-karozza ta' l-imputat kienet imbieghda minnu daqs tlett karozzi l-boghod…*"meta jien kont qieghed ha nexitja r-roundabout hu kien gej bi speed baqa diehel, daqqejt kemm kemm il-horn jiena, he had enough time to stop….. He had enough time to stop, pero baqa diehel, issikakk mieghi warajha."*[21]

Ix-xhud esebixxa sensiela ta ritratti in sostenn tal-hsarat li graw fuq il-vettura tieghu kif ukoll il-griehi li soffra.[22] Ix-xhud ikkonferma li dawn ir-ritratti ittiehdu mis-siehba tieghu Joanne Brincat li gew ikkonfermat minnha meta xehedet. Minn dawn ir-ritratti jirrizultaw xeni tal-kollizjoni bejn iz-zewg vetturi u ritratti li juru l-hsarat fuq il-vettura tal-vittma, partikolarment il-gemb u l-bieba taghha.

[18] Folio 39 ta' l-atti processwali
[19] Folio 41 ta' l-atti processwali
[20] Folio 42 ta' l-atti processwali
[21] Folio 42-43 ta' l-atti processwali
[22] Dok PA1, Folio 51-59 ta' l-atti processwali

Il-vittma rega xehed wara li l-Qorti kienet intalbet sabiex thallih jixhed in vista tal-fatt li kien *"jirrizulta fatt gdid li huwa indispensabbli ghal prosekuzzjoni u li dan gie skopert biss wara li nghatat ix-xhieda tal-11 ta' Marzu 2019."*[23]

Illi l-Qorti kienet laqghet din it-talba limitatament biss sabiex jinstema l-parte civile fuq dan il-fatt gdid u xejn iktar.

Il-Qorti ikollha tghid b'dizapunt li din hi xhieda ma kienitx sabiex jigi svelat xejn gdid izda t-tieni xhieda tal-vittma kienet kollha msejsa b'attentati kontinwi tal-avukat tieghu jipprova jghidlu kif ghandu iwiegeb. Kemm il-darba l-avukat tal-parte civile gie osservat jissuggerilu minn taht l-ilsien kif ghandhu iwiegeb, jikkontrolla x-xhud u sahansitra jwaqqaf lill-Qorti milli taghmillu mistoqsijiet u minkejja diversi twissijiet mill-Qorti sabiex dan ma jibqax isir, il-Qorti kienet sahansitra kostretta tirregistra dan l-agir fl-atti tal-kawza minhabba s-serjeta ta' dak li kien qed jigri. Illi din l-imgieba ma tistax ma tigix icensurata bil-qawwa mill-Qorti u dan l-agir seta' jservi biss sabiex igib fid-dubju l-kredibilita' u l-kapacita tax-xhud li jwiegeb b'mod indipendenti u trasparenti minghajr ma kien qed ikun *coached* jew influenzat fuq kif ghandu jixhed. Jidher li x-xhud ried biss jghid lill-Qorti li l-*"fatt gdid"* kien li l-imputat kien tah *"tlett daqqiet ta' ponn"*[24] meta hareg mill-karozza u jiddeskrivi fid-dettal kif qala dawn id-daqqiet.

Il-Qorti zzid tghid li dawn minnhom infishom ma jikkostitwux "fatt gdid" kif gie deskritt fit-talba ta' l-avukat tieghu sabiex jerga jixhed, izda kien se mai jammonta ghal dettall aktar specifiku ta' dak li kien diga xehed dwar id-daqqiet li qal li qala'.

Mix-xhieda ta' Joanne Brincat irrizulta li meta marret fuq il-post ta' l-incident, is-sieheb taghha qalilha:

[23] Folio 114 ta' l-atti processwali
[24] Folio 140 ta' l-atti processwali

*"Once li wasalt hemmhekk rajt mimli demm u bix-xokk f'wiccu, mort hdejh ghidtlu inti are you ok? Qalli I am full of blood. I said don't worry, what happened he said that young man crashed his car into me and when I tried to get out from the car he punched me and hit me.*

….

*Peter explained that when he tried to get out of the car he couldn't exit from the driver's side because of the impact and when he tried to get out from the passenger's side he opened the door he stepped out with one foot and as he came to proceed to come out he said that he was hit.*

…..

*He said that the young man was standing up and he come down with his fist into his face."*[25]

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni ta' l-imputat**

Fl-okkorenza tal-pulizija, l-imputat stqarr li *"dan kien hiereg sejjer ghall-Burmarrad u ma kienx qieghed indur ma roundabout imma kont fuq give way. Kif hrigt l-iehor dar mar roundabout u beda jdoqqli hafna l- horn u prova jsuq ghal gewwa fija dak il-hin u ersaqt. F'dak il-hin jien rajtu jaghmel sinjal b'idu biex iwaqqafni. Gejna flimkien u rajtu gej mieghi u ersaqt fuq in-naha l-ohra jiena ghax pruvajt nitlaq jiena ma rridtx niggieled. Rajt il-karozzi gejjin min-naha opposta u ksirt ghall gewwa fih ghax imbaghad tfixkilt.*

*Hekk kif jien hrigt mill-karozza rajtu li ma setghax johrog lilu u kif wasalt mall-bieba gie rrabjat ghalija u pprovajt inzommlu l bieba u ghalaqtilu bis-sahha. F dak il-mument hareg biex jaghtini u jien tlaqt l-hemm u cempilt lill-pulizija. Meta gie mistoqsi jghid rigward id-daqqa li kellu fuq ghajnejh u l-allegazzjoni li ghamel il-persuna l-ohra fil-*

[25] Folio 70 u 71 ta' l-atti processwali

*konfront tieghu li kien tah daqtejn ta' ponn huwa stqarr li jien ma tajtu xejn gie biex joffendini u jien ghalaqtlu l-bieba. Jien nghid li kien gej biex itini jew xi haga. Jien lanqas naf mbaghad jekk weggax bil-bieba meta ghalaqta jew bid-daqqa tal-vettura.*[26]

Fir-rigward l-incident, is-Supretendent Curmi in kontro ezami xehed li l-imputat kien stqarr li *"ma semmieliex bibien, qalli kelli nidhol go fih, mhux fliema parti tal-karozza dahal fih."*[27]

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[28] ta' l-imputat ittiehdet nhar is-26 ta' Jannar 2018 u cioe l-ghadha ta' l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, San Pawl il-Bahar, fl-ufficju ta' l-Ispettur (dak iz-zmien, illum Supretendent) Maurice Curmi fil-prezenza ta' WPC401 Morgan Cassar Bonaci u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ezercita dan id-dritt u ghamel kuntatt ma' l-avukat Dr. Edward Debono.[29]

Illi fl-istqarrija l-imputat Wayne Gatt ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien is-sewwieq tal-vettura meta sehh l-incident u kien akkumpanjat minn passigiera ohra.

---

[26] Folio 15 ta' l-atti processwali
[27] Folio 64 ta' l-atti processwali
[28] Dok MC1 Folio 68-69 ta' l-atti processwali
[29] Folio 68 ta' l-atti processwali

L-imputat ikkonferma li l-vettura tieghu ta' l-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni PAT 570. Dak in-nhar mar jigbor lit-tfajla tieghu mill-Mgarr sabiex imorru dawra Bugibba.

Dwar l-incident, l-imputat spjega li:

*"Nghid illi jien kont wasalt mar-roundabout il-kbira tal-Mosta fi tmiem Triq il-Missjunarji Maltin Mosta u sejjer ghal Vjal Millbrae Mosta, fid-direzzjoni ta' B'Marrad u hekk kif hrigt, il-vettura l-ohra li diga kienet qed idur mar roundabout, giet mieghi u beda jdoqqli l-horn. Jien dak il-hin komplejt insuq, u nipprova nevitah ghax il-hin kollu beda jigi ezatt mieghi. F'hin minnhom jien spiccajt insuq fid-direzzjoni opposta ghax ma stajtx noqghod fil-linja tieghi minhabba fl-iehor u mbaghad kelli bilfors insuq ghal go fih ghax kien tiela t-traffic min-naha opposta. Jista jkun li stajt waqaft qabel imma ma nafx x'gara u ma ghamiltx hekk."*[30]

L-imputat tenna li kien qed isuq madwar tlettin (30) kilometru fis-siegha.

Dwar l-inkontru li kien mal-vittma, l-imputat jispjega:

*"Hrigt mil-karozza biex nara kif kien l-iehor ghax naf li ma setghax johrog mill-karozza tieghu minhabba li jien dhalt gol-bieba tan-naha tax-xufier tieghu. Nghid li jien ersaqt man-naha tal-passiggier tieghu u hekk kif fetah il-bieba, rajtu bhal qisu gej ghalija u jien dak il-hin ghalaqt il-bieba fuqu u mort ghal wara l-karozza tieghi incempel ghall-pulizija."*[31]

L-imputat baqa isostni li d-daqqa li soffra l-vittma kienet *"jew mal-habta jew inkella xhin ghalaqt il-bieba fuqu."* Madankollu meta kien mistoqsi jekk il-vittma kienx diga kellu demm jew griehi meta ressaq hdejn il-vettura tieghu, u dan qabel ma infethet il-bieba, qal li ma jafx.

---

[30] Folio 69 ta' l-atti processwali
[31] Folio 69 ta' l-atti processwali

Meta rega kien ikkonfrontat bil-fatt li l-vittma stqarr li tah daqqa ta' ponn, l-imputat tenna li *"jien ma tajtux, u xhin rajtu hiereg ghalija, ghalqatlu l-bieba u mort fejn il-karozza tieghi."*

L-imputat ikompli jispjega fl-istqarrija li hu qatt ma qal xejn lill-vittma izda minn naha tieghu beda joffendih.

Il-verzjoni li Vukcevic Nikolija, it-tfajla ta' l-imputat li tat lil-pulizija kienet li waqt li kienet passiggiera fil-vettura ta' l-imputat *"we were going down to Bugibba and that man started honking the horn. He was in front of us. My boyfriend tried to pass and that man tried to stop us two times. That man hit us with the car and he started shouting. I started crying and I told them call the police and after 5 minutes they came. That man wanted to fight and I don't know as I didn't saw them fighting as I was crying all the time. He will say that my friend punched him but it is not true but he hit it with the accident."*[32]

Fil-kontro ezami tas-Supretendent Maurice Curmi irrizulta li kien hemm kunflitt fil-verzjonijiet moghtija u li skond l-imputat jista jkun li l-vittma garrab griehi meta ghalaq il-bieba izda mhux li tah bil-ponn.

*"Le is-sinjur qed jghid li x'aktarx ghalaq il-bieba fuqu b'hekk jista jgarrab il-griehi mhux li tah bil-ponn. Qalli li x'hin kien hiereg hu avvicinajna l-karozza tal-iehor, tal-complainant u x'hin kien hiereg ghalqalu l-bieba fuqu u qalli li seta l-griehi garrabhom b'dak il-mod……. Cahad li tah bil-ponn."*[33]

**Ikkunsidrat**

**Ix-xhieda ta' l-imputat**

L-imputat ghazel li jaghti x-xhieda tieghu b'mod volontarju, viva voce, quddiem il-Qorti minkejja d-dritt tieghu li jista jaghzel li ma jixhidx.

[32] Folio 16 ta' l-atti processwali
[33] Folio 66 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda tieghu spjega li kien qieghed isuq meta fit-tragit kellu inkontru mal-parte civile.  L-imputat spjega li l-parte civile

*"beda jiprova jwaqqfani, triq shiha johrogli idum il-karozza jwaqqafni u jien pruvajt nevitah u beda jitfani anke fuq il-lane tal-karozzi l-ohrajn, jwaqfani, johrogli jdejja imbad bqajt diehel go fih.*

*Beda jsuq mit-triq l-ohra ma kellix mod iehor jiena bdejt nevitah, bdejt niprova nevitah il-dan ir-ragel minn meta kont fejn il give way min fejn hrigt hemmhekk sa hemm isfel sa fejn kelli l-incident."*[34]

Rigward l-incident li kellu mal-parte civile, l-imputat stqarr:

*"Ehe ma l-impatt hrigt mill-karozza mort dort fejn il-bieba tieghu u sibtu gej ghalija b'rabbja, fetah il-bieba go fija u ghalaqtilu lura jiena u ergajt mort hdejn il-karozza tieghi u cempilt il-pulizija."*

In kontro ezami, l-imputat tenna li l-manuvra li ghamel kienet minhabba li l-parte civile

*"beda jigi ezatt mieghi ma stajtx naghmel mod iehor jien ridth nidhol go fih jew nihol f'karozza ohra, ahjar isaqsu lilu ghalfejn beda jiprova jwaqqafni lili."*[35]

L-imputat tenna li f'dan l-incident prova jevita lill-parte civile u li kien l-istess parte civile li fetah il-bieba u hu rega ghalaqa.

Rigward il-feriti tenna:

*"Jiena ma tajtux daqqiet ta' ponn jiena ghalqtlu l-bieba u mort lura fejn il-karozza tieghi.*

*… …*

[34] Folio 157 ta' l-atti processwali
[35] Folio 159 ta' l-atti processwali

*Jien Ma tajtux daqqiet ta' ponn issa jekk jiena ghalaqtilu bis-sahha kien hiereg ghalija x'naghmel jekk hiereg ghalija ghalaqt il-bieba u tlaqt l-hemm.*

… …

*Hu qed jghid li tajtu daqqiet ta' ponn, kelli curkett ma kelli xejn, lanqas biss missejtu b'idi.*

…. …

*Jiena ma tajtux daqqiet ta' ponn ghalaqtlu il-bieba go wiccu, kif hareg ghalija ghalaqtlu il-bieba go wiccu x'naghmel."*[36]

Illi l-imputat jinnega li l-akkuzi fis-shih bix-xhieda tieghu u f'dawk ic-cirkostanzi fejn jirrizulta li kien hemm xi kuntatt bejnu u l-vittma jigustifikom u jpoggi r-responsabilita tar-reazzjoni tieghu fuq il-vittma.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet**

Mill-assjem tal-provi mhuiex kontestat li kien hemm incident tat-traffiku. Jidher li irrizulta minhabba li vettura ma ceditx lill-ohra fil-hin u eskala f'incident ta' *road rage* billi l-imputat agredixxa lil parte civile Peter Paul Aquilina.

Fir-rigward il-griehi gravi l-Qorti ma tqis il-verzjoni ta' l-imputat bhala verosimli. Filwaqt li itenni li ma tax daqqa ta' ponn lill-vittma, stqarr hu stess li ghalaq il-bieba ghal-fuqu. Minn imkien ma irrizulta li l-vittma garrab griehi mertu ta' daqqa b'bieba ta' karozza jew li garrab id-daqqa fuq wiccu mertu ta' l-impatt. Ghalhekk jirrizulta li d-daqqa setghet giet jew meta l-imputat ghalaq

[36] Folio 160 ta' l-atti processwali

il-bieba ghal fuq il-vittma jew meta tah id-daqqa ta' ponn jew it-tnejn – li jirrizulta zgur huwa li saru bl-agir intenzjonali ta' l-imputat.

Filwaqt li hemm certu inkonsistenzi zghar f'dak li jghid, fit-tlett darbiet li l-imputat esprima lilu nnifsu dejjem inega li hu saq ghal fuqu b'intenzjoni izda gara li gara ghaliex il-parte civile fixklu waqt is-sewqan. Minn naha l-ohra jispjega li hu qatt ma ta daqqa ta' ponn izda l-griehi li seta' sofra l-vittma kienu b'konsegwenza ta' meta ghalaq il-bieba u bi zball intlaqghat.

Madankollu l-Qorti tara li l-verzjonijiet diversi ta' l-imputat ma jiriflettux ruhhom fil-provi tal-prosekuzzjoni u l-Qorti mhix konvinta mil-verzjoni tieghu jew tqis li hija riflessjoni cara u kompletament veritjiera ta' kif graw l-affarijiet.

Jinghad izda li l-oneru tal-prova huwa tal-prosekuzzjoni u filwaqt li l-imputat ghazel li jaghti l-verzjoni tieghu, il-Qorti trid tara jekk il-kaz giex ippruvat a bazi tal-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni u mhux unikament jekk hijiex konvinta minn dan li jghid l-imputat.

Mir-ritratti esebit mill-prosekuzzjoni, jirrizulta b'mod car kif sar l-impatt bejn il-vetturi u l-vettura ta' l-imputat tidher tross il-vettura tal-vittma. Jiher ukoll li b'konsegwenza l-vettura tal-vittma soffriet hsara fil-gemb u bieba tax-xuffier. Minn ritratti ohrajn esebiti jirrizulta wkoll l-griehi li soffra l-vittma fuq wiccu fil-parti ta' mohhu fejn kellu qasma kif ukoll tbengil taht il-kappa ta' l-ghajn.

Ghar-rigward ix-xhieda u l-verzjonijiet ta' l-imputat u l-parte civile il-Qorti tara li hemm kunflitt bejn dak li xehed l-imputat u l-parte civile kif ukoll xhieda pajzana ohra involuti. Il-Qorti ghalhekk iktar tkun trid tevalwa fid-dettal dawn ix-xhieda u x'intqal. Illi minn dak li rat u ezaminat, il-Qorti tqis li l-kaz tal-prosekuzzjoni ghandu mis-sewwa u mhix mibnija fuq provi jew xhieda li ma jwasslux ghal-grad rikjest mil-ligi. Il-Qorti ma tikkunsidrax is-sottomissjonijiet tad-difiza huma fondati, wisq iktar meta taghti possibilitajiet ta' kif setghu graw l-affarijiet u jibazi certu sottimissjonijet fuq xejn iktar minn ipotezijiet u

mhux prova li hargu bic-car tul is-smiegh tal-kawza. Mill-provi jirrizulta li l-agir ta' l-imputat wasal sabiex ikkaguna l-hsara lill-vettura tal-parte civile kif ukoll l-griehi gravi. Illi dan il-kaz kien mertu ta' dak li nsejhulu *road rage*, xi haga, li sfortunatament iggib konsegwenza serji kultant. Il-fatt li s-sewwieq kien ta eta' tant tenera iktar jirrifletti fuq in-nuqqas ta' esperjenza ta' l-imputat ta' kif ghazel li jirreagixxi f'dawn ic-cirkostanzi.

Il-Qorti hija ghalhekk moralment konvinta li l-griehi gravi saru minhabba l-imputat kif ukoll li saq b'manjiera bi ksur skont il-ligi u sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni**

L-imputat tressaq tali ikaguna hsara lill-vettura tal-parte civile.

Mix-xhieda ta' Vanessa Camilleri li xehdet fil-kapacita taghha bhala rapprezentat ta' Trasport Malta, irrizulta li l-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Golf, bin-numru tar-registrazzjoni EBA 458 hija registrata fuq Peter Paul Aquilina u f'dan ir-rigward gie esebit dokument bhala prova.[37]

Mix-xhieda ta' Antoine Muliette li xehdet fil-kapacita taghha bhala *motor independent motor assessor* irrizulta li minn spezzjoni fuq li sar fuq l-istess vettura ta' Peter Paul Aquilina li din kellha hsarat li ma kienx vijabli li tissewa u f'dan ir-rigward sar "*cash settlement li gie offrut lis-sid kien ta' disa' mitt Ewro u jzomm il-karozza ta' valur ta' tliet mitt Ewro bhala rack.*"[38] F'dan ir-rigward gie esebit dokument bhala prova.[39]

[37] Dok VC1, Folio 99 ta' l-atti processwali
[38] Folio 104 ta' l-atti processwali
[39] Dok AM1, Folio 106-110 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda tas-Supretendent Maurice Curmi irrizulta li jista jkun li l-imputat laqa l-bieba tal-parte civile.

*"Jista jkun mill-hsarat li garbet il-karozza il-Volkswagen bajda jidher li laqtu bejn wiehed u iehor f'nofs il-karozza, jigifieri f'nofs il-bieba ta' quddiem tan-naha tad-driver. Milli rajt wara, jien fuq il-post ma kontx u l-incident ma rajtux isehh."*[40]

Kif intqal aktar il-fuq, ix-xhud Peter Paul Aquilina esebixxa sensiela tar-ritratti li juru l-hsara li garbet il-vettur tieghu. L-istess xhud esebixxa wkoll stima miktuba bl-idejn[41] li tindika l-valura tal-hsara fuq il-vettura ta' l-ghamla VW Golf. Illi s-stima tindika li l-ammont globali tal-hsara (apparti hlas ta' VAT) jammonta ghal elf u sitt mitt Euro (€1,600).

Illi din is-stima m'ghandiex data fuqha ta' meta nharget, ma tindikax minn kitiba jew in-negozju li qed jippresta ruhu li rrilaxxaha u lanqas ma hija ffirmata minn hadd. Il-prosekuzzjoni ma ressqitx wkoll xhud sabiex jikkonferma l-kontenut taghha stess.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis dan id-dokument bhala *documentary hearsay evidence* u in linea ma gurisprudenza nostrana tqis li dan id-dokument, kif inhu esebit mhuwiex amissibli bhala prova tal-quantum tal-hsarat fuq il-vettura VW Golf, bin-numru tar-registrazzjoni EBA-458

Fir-rigward il-hsara li graw fuq il-vettura tieghu, ix-xhud stqarr li ma rrangahiex minhabba l-fatt li kienet *"quite beyond repair."*[42] In kontro ezami ikkonferma wkoll li dak iz-zmien ma rreferiex il-hsarat li soffra ghand il-kumpannija ta' assikurazzjoni tieghu u li ghamilha biss sena wara, propju

[40] Folio 65 ta' l-atti processwali
[41] Dok PA4, Folio 60 ta' l-atti processwali
[42] Folio 34 ta' l-atti processwali

ghaxart ijiem qabel ma xehed u b'hekk *survey* tal-vettura ma kientix saret dak inhar.[43]

Ghalhekk jirrizulta li ma ngabet ebda prova tal-valur tal-hsara mill-prosekuzzjoni.

Minkejja n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-valur tal-hsara, jirrizulta b'mod car li l-hsara saret u ghaldaqstant din il-Qorti fil-waqt li sejra tghaddi sabiex issib htija ta' din il-imputazzjoni, fil-kalibrazzjoni tal-piena ha tiehu konjizzjoni tal-fatt li ma ngabitx prova li l-valur jeccedi l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250), izda ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (€2500).

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba imputazzjoni**

Il-prosekuzzjoni esebit *"mus ta' kulur iswed foldable gol-pocket tieghu markat bhala Dok CX3".*[44]

Ix-xhud PC S Xuereb li waqt tfittxija li ghamlu fil-vettura ta' l-imputat sabulu mus tat-tip Bregan Building Supplies bin-numru 7785191040 fil-bieba tal-karozza tieghu li elevah hu stess.

Illi dan gie wkoll ikkonfermat mix-xhieda tas-Supretendent Maurice Curmi fix-xhieda tieghu fejn ikkonferma li gie elevat u esebit *"pen knife."*[45]

Fir-rigward il-pussess tal-mus fil-vettura tieghu l-imputat kien stqarr *"li dak kien qalghu rigal u kien nesih fil-vettura tieghu. Dan kien ghadu maghluq u gdid."*[46]

---

[43] Folio 49 ta' l-atti processwali
[44] Folio 28 ta' l-atti processwali
[45] Folio 63 ta' l-atti processwali
[46] Folio 16 ta' l-atti processwali

Id-difiza fis-sottomissjoni taghha tenni li dan ir-reat ma giex ippruvat ghaliex ix-xafra hija ta' inqas minn tmien centimetri hekk kif jitlob l-artikolu 7(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*7. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:*

*(a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;*

Il-Qorti rat u ezaminat is-sikkina in kwistjoni u jirrizulta li x-xafra hija fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-ligi u ghalhekk ir-reat huwa sodisfacentement ippruvat. Il-Qorti ma tistax ma tlissinx il-preokupazzjoni taghha li sewwieq zaghzugh igorr xafra bhal din fil-karozza tieghu, hi x'inhi ir-raguni, meta sikkuna bhal din tista twasslu f'incidenti u inkwiet serju iktar u iktar fil-kuntest ta' *road rage* ta' kif sehh dan l-incident.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali netta ta' l-imputat.[47]
- L-eta' tenera ta' l-imputat li kellu biss dsatax il-sena meta gara l-incident.
- Il-fatt li l-akkadut gara qabel l-introduzzjoni tal-Att XIII tal-2018 li permezz tieghu, il-piena relattiva ghall-artikolu 216 zdied minn tliet (3) xhur sa tliet (3) snin, ghal sena (1) sa seba' (7) snin. Dan l-Att dahal fis-

[47] Folio 4 ta' l-atti processwali

sehh fit-30 ta' April 2018 mentri l-incident sehh f'Jannar 2018. Ghaldaqstant, hija l-piena ta' qabel l-Att XIII tal-2018 li ghandha tapplika.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216, 325, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Wayne Gatt **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u ghar-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet tikkundannaha piena kumplessiva ta' prigunerija ta' sena wahda (1) li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) mil-lum, ghar-rigward it-tielet imputazzjoni multa ta' hames mitt Euro (€500) kif ukoll skwalifika milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien hames (5) xhur u ghar-rigward ir-raba' imputazzjoni multa ta' mija u sittax il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt (mus ta' kulur iswed esebit bhala Dok CX3.)

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il-14 ta' Gunju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**